

Brussell, 10 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11545/1/23
REV 1

COPEN 244
DROIPEN 99
ENV 817
RELEX 852
JAI 976

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 419 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Florsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172), kif ukoll abbozz ta' Rapport ta' Spjegazzjoni relatat

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 419 final.

Mehmuż: COM(2023) 419 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
COM(2023) 419 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172), kif ukoll abbozz ta' Rapport ta' Spjegazzjoni relatat

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-reati ambjentali u l-ħsara sinifikanti kkawżata lill-ambjent u lis-saħħa tal-popli saru tħassib dejjem akbar għall-UE u madwar id-dinja. Skont l-aħħar stimi disponibbli¹, it-telf annwali relatat mar-reati ambjentali ġie stmat li jvarja bejn USD 91-258 biljun. Dan jagħmel ir-reati ambjentali r-raba' l-akbar attività kriminali fid-dinja wara t-traffikar tad-drogi, it-traffikar tal-bnedmin, u l-falsifikazzjoni. Dan qed jikber b'rati annwali ta' bejn 5 u 7 %. Reati bħad-deforestazzjoni illegali, it-tniġġis tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija, it-traffiku ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu, il-kaċċa illegali u reati oħra jagħmlu ħsara kbira lill-bijodiversità, jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u jeqirdu ekosistemi sħaħ. L-impatt globali tad-danni u tad-degradazzjoni li jirriżultaw minnhom, li spiss jinvolvu l-kriminalità organizzata fuq skala tranżnazzjonali, jeħtieġ azzjoni deċiżiva, kooperazzjoni internazzjonali b'saħħitha bbażata fuq fehim komuni tal-kategoriji tar-reati ambjentali, tas-sanzjonijiet, u tal-kooperazzjoni transfruntiera.

- **Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar ir-Reati Ambjentali**

Matul l-aħħar deċennji, l-UE żiedet gradwalment l-isforzi tagħha biex tirregola l-imġiba li hija ta' ħsara għall-ambjent. Illum, aktar minn 250 strument leġiżlattiv tal-UE, prinċipalment direttivi, jistabbilixxu standards u limiti għal varjetà ta' setturi ambjentali. Sabiex tkompli tissaħħaħ il-protezzjoni ambjentali, id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva Dwar ir-Reati Ambjentali")² tobligha lill-Istati Membri tal-UE jikkriminalizzaw l-aktar ksur serju tal-liġi settorjali ambjentali. Dan jipprovdi fost l-oħrajn għal sett komuni ta' kategoriji ta' reati ambjentali tal-UE u jirrikjedi sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għal persuna fiżika u ġuridika. Id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali ġiet ispirata u influwenzata b'mod sinifikanti mill-Konvenzjoni tal-1998 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali³.

Il-Kummissjoni evalwat l-effettività tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali u ppubblikat ir-riżultati f'Ottubru 2020⁴. Abbażi ta' dawn ir-riżultati, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttejjeb il-qafas legali dwar il-ġlieda kontra r-reati ambjentali u fil-15 ta' Diċembru 2021 adottat proposta għal Direttiva ġdida tal-UE dwar ir-Reati Ambjentali⁵. Il-proposta tirfina d-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' reati ambjentali u żżid oħrajn ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex tiżgura li reati serji mwettqa intenzjonalment jew b'negliġenza serja

¹ Skont l-Interpol u l-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, ir-reati ambjentali huma r-raba' l-akbar attività kriminali fid-dinja, li qed tikber b'rata ta' bejn 5 % u 7 % fis-sena. UNEP-INTERPOL Rapid Response Assessment: The Rise of Environmental Crime, Ġunju 2016.

² Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, *ĠUL* 328.

³ Il-Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali, ETS Nru 172, 4 ta' Novembru 1998; <https://www.ecolex.org/details/treaty/convention-on-the-protection-of-the-environment-through-criminal-law-tre-001292/>

⁴ Id-Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Evaluation of Directive 2008/99/EC of the European Parliament and of the Council of 19 November 2008 on the protection of the environment through criminal law (Environmental Crime Directive), SWD(2020) 259 final tat-28 ta' Ottubru 2020 (parti I, parti II, sommarju eżekuttiv).

⁵ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE, COM(2021) 851 final 2021/0422 (COD).

jiġu ppenalizzati kif xieraq. Din tintroduċi livelli massimi u minimi ta' sanzjonijiet għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkisu wkoll il-kapaċità finanzjarja tal-korporazzjonijiet, iċ-ċirkostanzi aggravanti u s-sanzjonijiet/miżuri addizzjonali biex jitrawwem sanzjonar effettiv u dissważiv. Din għandha l-għan li tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera u fiha għadd ta' dispożizzjonijiet biex tissaħħaħ il-katina tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-obbligi għall-Istati Membri biex jitrażmettu *data* statistika dwar proċedimenti kriminali ambjentali. Il-proposta fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet u r-rwol tal-pubbliku kkonċernat u tad-difensuri ambjentali.

F'Diċembru 2022, l-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laħqu Approċċ Ġenerali. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu f'Marzu 2023⁶. In-negozjati mal-Parlament Ewropew bdew f'Mejju 2023 bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku sa tmiem l-2023.

- **Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reati Ambjentali**

B'mod parallel mal-ħidma li għaddejja dwar Direttiva ġdida dwar ir-Reati Ambjentali mill-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa ddeċieda li jissostitwixxi l-Konvenzjoni tiegħu tal-1998 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali⁷ (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-1998"). Il-Konvenzjoni tal-1998 hija leġiżlazzjoni pijuniera peress li hija l-ewwel strument internazzjonali li fih definizzjonijiet tal-aktar reati ambjentali serji mwettqa intenzjonalment jew b'negliġenza, dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, sanzjonijiet, miżuri ta' konfiska, ir-restawr tal-ambjent, ir-responsabbiltà korporattiva, il-kooperazzjoni bejn il-partijiet għall-Konvenzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali, id-drittijiet għall-gruppi, il-fondazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet li għandhom l-għan li jipproteġu l-ambjent biex jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali skont il-liġi domestika u d-drittijiet għal gruppi li jiddefinixxu reati kriminali u li jeħtieġu sanzjonijiet effettivi u dissważivi. Għadd minn dawn id-dispożizzjonijiet ipprovdew flessibbiltà għall-partijiet, u esiġew biss – fi kwalunkwe ħin – dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa tar-rieda tagħhom li jitrašponu dispożizzjoni. Madankollu, il-Konvenzjoni qatt ma daħlet fis-seħħ peress li n-numru minimu meħtieġ ta' ratifiki jew adeżjonijiet ma ntlaħaqx.

Fit-23 ta' Novembru 2022, taħt l-awtorità tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Kumitat Ewropew dwar Problemi Kriminali (CDPC), ġie stabbilit il-Kumitat il-ġdid ta' Esperti dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (PC-ENV) u ġie fdat bin-negozjati formali għal Konvenzjoni ġdida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali, li tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998, abbażi tat-termini ta' referenza adottati mill-PC-ENV⁸. Il-Konvenzjoni l-ġdida se tqis ukoll studju ta' fattibbiltà⁹ mwettaq fl-2022, li ssottolinja l-adeqwatezza ta' Konvenzjoni ġdida f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-adeqwatezza ta' Konvenzjoni ġdida, ġie konkluż li

“L-effettività tal-ġlieda kontra r-reati ambjentali, fid-dimensjonijiet kollha tagħhom u b'mod partikolari b'mod transfruntier, tiddependi wkoll u fost l-oħrajn fuq kooperazzjoni internazzjonali effettiva bejn l-istati. Din il-kooperazzjoni hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti involuti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra r-reati ambjentali jikkellmu bl-istess lingwa. Strument legali ġdid ikun opportunità biex jiġu stabbiliti regoli

⁶ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2023-0087_MT.html

⁷ Il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali, ETS Nru 172, adottata fl-4 ta' Novembru 1998.

⁸ CM(2022)148-add2-final, 23 ta' Novembru 2022.

⁹ Studju ta' fattibbiltà dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali “CDPC(2021)9-fin”.

komuni għal kooperazzjoni internazzjonali msaħħa bħal din, u jibbaża fuq strumenti internazzjonali eżistenti tal-Kunsill tal-Ewropa. (...) Minħabba l-għadd kbir ta' stati membri tiegħu (47 pajjiż) li jestendu lil hinn mill-Ewropa, l-influenza tiegħu hija tali li l-istrumenti li jiżviluppa jistgħu jgħorru piż konsiderevoli b'mod transfruntier, f'konformità man-natura transkonfinali tal-isfida ambjentali li jeħtieġ li tiġi ssodisfata. L-adozzjoni ta' konvenzjoni ġdida f'dan il-qasam, minbarra d-dimensjoni simbolika ħafna tagħha fix-xena internazzjonali, b'mod parallel ma' inizjattivi (reġjonali) oħra, jista' jkollha effett indirett fil-livell nazzjonali u tispira strumenti internazzjonali oħra".

Fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa fl-istudju ta' fattibbiltà tiegħu kkonkluda li "minħabba l-attivitajiet imwettqa mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-reati ambjentali, u b'mod partikolari (...) il-ħidma fuq il-proposta għal Direttiva ġdida tal-UE, se jkun essenzjali li jinżammu kuntatti regolari bejn iż-żewġ Organizzazzjonijiet u li jiġu kkoordinati l-isforzi tagħhom, kemm jista' jkun, sabiex jiġu evitati kontradizzjonijiet bejn il-ħidma tal-Unjoni Ewropea min-naħa waħda u, fuq skala pan-Ewropea, tal-Kunsill tal-Ewropa min-naħa l-oħra. Dan għandu jiġi ffaċilitat permezz ta' skambji regolari bejn il-gruppi differenti ta' esperti, Kumitati u Segretarjati taż-żewġ Organizzazzjonijiet."

L-ewwel laqgħa biex jiġi nnegożjat it-test tal-abbozz tal-Konvenzjoni se ssir fil-Kunsill mis-16 sat-18 ta' Ottubru 2023.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-kamp ta' applikazzjoni previst tal-Konvenzjoni l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali huwa kopert fil-biċċa l-kbira mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mid-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali li bħalissa tinsab fis-seħħ u mill-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva ġdida dwar ir-Reati Ambjentali¹⁰. L-oġġettivi u l-kontenut tagħhom jikkoinċidu fil-biċċa l-kbira mal-Konvenzjoni l-ġdida prevista tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reati Ambjentali¹¹. It-tnejn huma xprunati u ispirati mill-appoġġ dejjem jikber u mill-attenzjoni madwar id-dinja għall-ħtieġa li jiġi protett l-ambjent tagħna.

Għal din ir-raġuni, huwa meħtieġ li l-Unjoni fin-negożjati titqiegħed f'pożizzjoni li tikkontribwixxi għal dawn l-oġġettivi filwaqt li tevita kwalunkwe diskrepanza fir-rigward tad-definizzjonijiet legali, it-terminoloġija u l-obbligi definiti fil-Konvenzjoni u fid-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali, rispettivament. Huwa importanti li l-Unjoni, matul in-negożjati fil-Kunsill tal-Ewropa, tqis il-progress u l-iżviluppi li jikkonċernaw id-Direttiva l-ġdida proposta dwar ir-Reati Ambjentali u tibqa' f'kuntatt mill-qrib mal-Grupp responsabbli ta' Ħidma tal-Kunsill tal-UE.

Ir-riżultat pożittiv tan-negożjati għandu jwassal għal dispożizzjonijiet koerenti dwar il-kategoriji tar-reati ambjentali inklużi d-deskrizzjoni tar-reat, is-sanzjonijiet, it-tisħiħ tal-katina tal-infurzar, ir-rikonoxximent tar-rwol taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, l-għodod proċedurali u investigattivi tal-Istati Membri tal-UE u tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa li jirratifikaw il-Konvenzjoni l-ġdida u fuq din il-bażi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tranżnazzjonali.

¹⁰ Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

¹¹ Ara f'aktar dettall taħt it-Taqsima 2 – Bażi Ġuridika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-Unjoni Ewropea kompetenzi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Minbarra d-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali, l-Unjoni Ewropea adottat sett komprensiv ta' strumenti legali għall-ġlieda kontra r-reati ambjentali fost reati oħra. L-istrumenti jew il-proposti legali li ġejjin jiffurmaw parti minn dan il-qafas legali:

- Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali¹²
- Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur¹³
- Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi¹⁴
- Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI¹⁵
- Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI¹⁶
- Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI¹⁷
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat¹⁸, li bħalissa qed jiġi rivedut¹⁹.

Barra minn hekk, hemm korp komprensiv tal-liġi ambjentali tal-Unjoni fis-seħħ jew li bħalissa qed jiġi rivedut li huwa kopert mid-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali bħala

¹² ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22–30.

¹³ ĠU L 305, 26.11.2019, p.17 - 56.

¹⁴ COM(2022) 245 final.

¹⁵ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

¹⁶ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53–114.

¹⁷ ĠU L 315, 14.11.2012.

¹⁸ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1–32.

¹⁹ Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd; COM/2018/368 final.

strument orizzontali²⁰. Id-dritt ambjentali tal-Unjoni u d-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali jinteraġixxu ma' xulxin, sa fejn id-definizzjoni ta' reat kriminali skont id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali tirrikjedi kondotta illegali, jiġifieri ksur tal-obbligi kif definiti fil-liġi ambjentali tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sanzjonijiet mhux kriminali definiti fil-liġi ambjentali tal-Unjoni u s-sanzjonijiet kriminali flimkien jiffurmaw sistema integrata ta' sanzjonar tal-UE li tikkontribwixxi biex tiġi segwita l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE għall-protezzjoni tal-ambjent; is-sanzjonijiet mhux kriminali u kriminali għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin f'approċċ gradwali u koerenti li jipprevedi regoli tas-sanzjonar madwar l-UE skont kriterji u standards armonizzati.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din ir-rakkomandazzjoni hija ppreżentata lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE sabiex jirċievi awtorizzazzjoni biex jinneogzja r-reviżjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reati Ambjentali f'isem l-Unjoni Ewropea, biex jipprovdi direttivi ta' negozjar, u biex jaħtar lill-Kummissjoni bħala negozjatur.

L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva “li tikkonkludi ftehim internazzjonali (...) sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' toqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom.” B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li “konstatazzjoni ta' tali riskju [ta' effett jew ta' tibdil tar-regoli tal-UE minn impenji internazzjonali] ma tippresupponix li l-qasam kopert bl-impenji internazzjonali u dak kopert mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jaqblu kompletament” iżda li “l-portata tar-regoli komuni tal-Unjoni tista' tiġi affettwata jew mibdula minn tali impenji anki meta dawn tal-aħħar ikunu jaqgħu f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu jkun diġà kopert minn tali regoli”²¹.

L-analiżi tal-kompetenza tal-Unjoni trid tqis l-oqsma koperti mir-regoli tal-UE u mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim previst, l-iżvilupp futur prevedibbli tagħhom u n-natura u l-kontenut ta' dawk ir-regoli u ta' dawk id-dispożizzjonijiet, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-

²⁰ Eżempji ta' strumenti bħal dawn huma: Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1–30; għaddejjin negozjati u dalwaqt huwa mistenni Regolament ġdid dwar Sustanzi li Jnaqqsu l-Ożonu (ODS)); Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195–230; għaddejjin in-negozjati u dalwaqt huwa mistenni Regolament ġdid dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (gassijiet F); Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1–849); Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1-69); Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3); Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1-98).

²¹ Il-Kawża C-114/12, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, ECLI: ECLI:EU:C:2014:2151, il-punti 69-70.

ftehim previst huwiex kapaċi jimmina l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-UE u l-funzjonament xieraq tas-sistema li huma jistabbilixxu.

L-istrumenti legali tal-UE msemmija hawn fuq, speċjalment id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali b'rabta mal-leġiżlazzjoni referenzjata fiha, jammontaw għal qasam kopert fil-biċċa l-kbira mid-dritt tal-Unjoni, li jirriskjaw li jiġu affettwati jew mibdula fil-kamp ta' applikazzjoni mill-Konvenzjoni l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali u li, għalhekk, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bbażata fuq l-Artikolu 3(2) tat-TFUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

L-ewwel nett, se jkun hemm sovrappożizzjoni bejn il-Konvenzjoni l-ġdida u d-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali. Il-Konvenzjoni l-ġdida tirrifletti b'mod fidil l-istruttura u l-kamp ta' applikazzjoni ta' Direttiva ġdida dwar ir-Reati Ambjentali. It-tnejn ikun fihom dispożizzjonijiet dwar l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni, it-terminoloġija u d-definizzjonijiet, ir-reati sostanzjali tal-liġi kriminali, ir-responsabbiltà ta' persuni u s-sanzjonijiet, id-drittijiet proċedurali u l-kooperazzjoni, il-miżuri preventivi u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili.

It-tieni nett, jekk l-Istati Membri jsiru partijiet tal-Konvenzjoni prevista, ikun hemm riskju li tiġi mminata l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli komuni tal-UE.

Pereżempju, l-Unjoni għandha tiżgura li d-definizzjonijiet tal-kategoriji tar-reati ambjentali fil-Konvenzjoni jkunu kemm jista' jkun kompatibbli mad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali, peress li l-liġi kriminali tal-Istati Membri ma tridx tinkludi definizzjonijiet kontradittorji rigward kategorija speċifika ta' kriminalità. Għandu jiġi żgurat ukoll li fil-Konvenzjoni, it-teknika legali użata għad-definizzjoni ta' reati ambjentali ma tmurx kontra t-teknika użata fid-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali. Kwalunkwe approċċ ġdid fil-Konvenzjoni biex jiddefinixxi r-reati kriminali b'mod differenti milli fid-dritt tal-UE jista' jippreġudika jew jillimita l-iżvilupp ulterjuri tad-dritt tal-UE f'dan ir-rigward. Fejn id-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali ma tinkludix kategorija ta' reati li hija ddefinita skont il-Konvenzjoni, dan jista', madankollu, jaffettwa d-dritt tal-Unjoni. Pereżempju, is-sajd illegali u s-sanzjonijiet tiegħu huma regolati skont il-politiki tas-sajd tal-UE²². Għalhekk, it-tibdil tal-portata tar-reati ambjentali jew id-definizzjoni ta' reati kriminali ġodda, jista' jaffettwa, b'mod orizzontali, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli komuni tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat.

Hemm ukoll riskju li t-termini użati fil-Konvenzjoni jkollhom tifsira differenti, u b'hekk jaffettwaw l-applikazzjoni ta' termini simili fid-dritt tal-Unjoni. Dan jista' jikkonċerna pereżempju kunċetti legali standard stabbiliti bħal dwar persuni ġuridiċi, ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, u l-ġurisdizzjoni kriminali.

Minn perspettiva sistematika, id-dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet u sanzjonijiet u l-miżuri aċċessorji fid-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali huma komplementari għad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar is-sanzjonijiet fil-liġi ambjentali tal-Unjoni. Għalhekk, dawn jikkontribwixxu għal sistema ta' sanzjonar koerenti tal-UE fir-rigward ta' ksur ambjentali. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet fil-Konvenzjoni l-ġdida u fis-sistema tas-sanzjonar tal-UE għandhom ikunu kompatibbli, sabiex ma jfixklux żviluppi ulterjuri.

L-Unjoni trid tiżgura wkoll li r-regoli dwar il-prevenzjoni u t-tiżgura tal-katina tal-infurzar tal-liġi kriminali fil-Konvenzjoni ma jkunux kontradittorji għal obbligi simili fid-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali, li jistgħu jimminaw l-effettività u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE f'dan ir-rigward.

Rekwiżiti differenti fil-Konvenzjoni u fid-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali fir-rigward tal-ġbir ta' *data* statistika dwar proċedimenti kriminali ambjentali jistgħu jikkumplikaw il-fluss

²² Ara n-noti f'qiegħ il-paġna 18 u 19.

tax-xogħol tekniku u amministrattiv fl-UE u jimminaw l-effettività tar-regoli rilevanti tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali.

Ir-regoli proċedurali minimi dwar id-drittijiet tal-vittmi, id-drittijiet tax-xhieda u tal-kollaboraturi tal-ġustizzja kif ukoll id-drittijiet proċedurali tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili fil-proċedimenti kriminali huma koperti mid-dritt tal-UE li jirrifletti l-istat attwali ta' kunsens tal-Istati Membri tal-UE. Ir-regoli fil-Konvenzjonijiet jistgħu jippreġudikaw u jxekklu l-iżvilupp futur tad-dritt tal-UE f'dan ir-rigward.

Abbażi ta' din l-analiżi, huwa konkluż li l-Konvenzjoni l-ġdida prevista tista' taffettwa jew tbiddel il-portata tar-regoli komuni tal-UE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika inkwistjoni. Peress li l-Unjoni diġà eżerċitat kompetenza interna f'dan il-qasam permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-ġlieda kontra r-reati ambjentali u l-proposta tagħha għal Direttiva ġdida li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE. Għalhekk, għandu jittieħed approċċ komuni tal-UE fin-negozjati biex jiġu evitati diskrepanzi bejn il-Konvenzjoni rispettiva fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa u d-dritt tal-UE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qieset il-fehmiet espressi mill-esperti tal-Istati Membri matul id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill fit-tnejn tan-negozjati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Matul in-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-Konvenzjoni, iridu jitqiesu għadd ta' drittijiet u libertajiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), inkluż id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-

ambjent (l-Artikolu 37 tal-Karta), il-protezzjoni tad-*data* personali, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-libertà li jitwettaq negozju, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust (l-Artikolu 47 tal-Karta), il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt għad-difiża (l-Artikolu 48 tal-Karta), il-prinċipji tal-legalità u tal-proporzjonalità tar-reati u tal-pieni kriminali (l-Artikolu 49 tal-Karta), u d-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat (l-Artikolu 50 tal-Karta – *ne bis in idem*). Billi l-parteċipazzjoni fin-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea ma għandhiex tikkomprometti l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, din l-inizjattiva ttipponi li jiġi segwit livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172), kif ukoll abbozz ta' Rapport ta' Spjegazzjoni relatat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Novembru 2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ta mandat lill-Kumitat ta' Esperti għall-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi Kriminali biex jabbozza Konvenzjoni ġdida li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ETS Nru 172) sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (2) Il-Konvenzjoni prevista x'aktarx li tipprevedi regoli komuni dwar l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni, it-terminoloġija u d-definizzjonijiet, ir-reati sostanzjali tal-liġi kriminali, il-persuni responsabbli u s-sanzjonijiet, id-drittijiet proċedurali u l-kooperazzjoni, il-miżuri preventivi u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni prevista jaqgħu fil-biċċa l-kbira f'qasam kopert mid-dritt tal-Unjoni²³, li għalhekk jirriskjaw li jiġu affettwati jew mibdula fil-kamp ta' applikazzjoni mill-Konvenzjoni l-ġdida, skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE.
- (3) Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipparteċipa fin-negozjati għal Konvenzjoni ġdida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinneozja f'isem l-Unjoni, il-Konvenzjoni l-ġdida dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, li tħassar u tissostitwixxi il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1998 dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali.

Artikolu 2

Id-direttivi ta' negozjati jidhru fl-Anness.

Artikolu 3

²³ B'mod partikolari bid-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u l-proposta għal Direttiva ġdida li tissostitwiha COM(2021) 851 final, 2021/0422 (COD).

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni ma' [*isem il-kumitat speċjali għandu jiddaħħal mill-Kunsill*].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*